# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum il-5 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 196 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Clifford BUGEJA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 ta' Ġunju 2019 fil-konfront ta' Clifford BUGEJA, karta tal-identità bin-numru 339395M fejn ġie mixli talli:

   Nhar id-29 ta' Diċembru 2013 għall-ħabta ta' 05:00a.m. ġewwa San Ġiljan:
   1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Ramon Bezzina f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura gravi.

   F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Ramon Bezzina ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

> Rat l-eżami tal-imputat fejn huwa wieġeb mhux ħati tal-akkuża kif dedotta kontrih;
>
> Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (a fol. 12) datata tlieta u għoxrin (23) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-awtoriżżazzjoni tiegħu kif ukoll il-kunsens tal-imputat (a fol. 15) sabiex din il-kawża tiġi trattata u deċiża minn din il-Qorti bil-proċedura sommarja;
>
> Rat il-fedina tal-imputat li hija waħda netta;
>
> Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;
>
> Ikkunsidrat illi din il-kawża tittratta fuq ġlieda li seħħet fid-29 ta’ Diċembru 2013, San Ġiljan, bejn l-imputat Clifford Bugeja u l-parte civile Ramon Bezzina fejn il-parte civile allegatament ġarrab ġrieħi gravi.
>
> Illi fl-istqarrija tiegħu, l-imputat Clifford Bugeja stqarr illi huwa jaħdem bħala ‘security’ ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta’ ‘Havana’ u qal illi dakinhar tad-29 ta’ Diċembru 2013, għall-ħabta tal-ħamsa ta’ filgħodu (05:00) huwa kien qiegħed waqt xogħlu hekk kif tfajla fi stat ta’ sokor ħebbet għalih. Jgħid ukoll illi sieħeb it-tfajla tah xi daqqiet f’wiċċu u fil-kustilji. Huwa jgħid illi hekk kif irnexxielu joħroġhom barra mill-istabbiliment, huwa ta daqqa waħda lil sieħeb it-tfajla (Ramon Bezzina), b’dan illi ma jafx fejn kien laqtu. L-imputat jgħid illi huwa mar jagħmel ċertifikat tal-ġrieħi li kien sofra u qal lill-Pulizija li jrid jieħu passi kontra Ramon Bezzina. Ix-xhud stqarr illi huwa qatt ma tressaq il-Qorti qabel dan l-inċident u lill-parte civile ma kienx jafu. L-imputat kien iffirma dikjarazzjoni ta’ rifjut tal-jedd għal parir legali li ġie esebit a fol. 7 tal-proċess.
>
> Illi xehed it-tabib Dr. Owen Mifsud fejn ikkonferma ċ-ċertifikat mediku li jinsab esebit a fol. 8 tal-proċess fejn Ramon Bezzina ġie ċċertifikat li sofra minn ġrieħi gravi. Fl-istess ċertifikat it-tabib niżżel li kien hemm ksur fl-imnieħer pero` mill-X Ray meħud Mater Dei rriżulta li ma kienx hemm ksur. It-tabib xorta qal li huwa kien tal-opinjoni li kien hemm ksur. Ix-xhud ippreżenta dokument mill-Isptar Mater Dei li ma kienx hemm ksur - Dok. OM a fol. 23. Ix-xhud qal ukoll illi r-raġuni li l-ġrieħi kienu ta’ natura gravi hija għaliex Ramon Bezzina kellu bżonn il-punti fuq in-naħa tal-lemin tal-wiċċ. Waqt is-seduta x-xhud ra l-ferita li ġarrab il-parte civile fuq

wiċċu fejn kellu bżonn żewġ punti u qal illi din il-ferita għalkemm għadha tidher trid taraha b'ċerta attenzjoni.

Illi in kontro eżami, Dr. Owen Mifsud spjega illi l-injury inkwistjoni hija l-istess waħda fejn kellhom isiru l-punti fuq wiċċ Ramon Bezzina. Jikkonferma illi kien huwa stess li għamel iż-żewġ punti fuq il-wiċċ tal-parte civile, iżda jippreċiża illi ma kienx hu li neħħa l-istess punti.

Illi xehed il-parte civile Ramon Bezzina fejn għaraf l-imputat fl-awla. Ix-xhud spjega illi l-imputat kien qabad u waddab lil ħabibtu Yanika Debattista mal-art bl-intenzjoni li jkeċċiha l-barra. Hekk kif ix-xhud kien fit-taraġ tal-isabbiliment huwa ġie mwissi sabiex jitlaq u hekk kif kien nieżel it-taraġ sab lill-imputat ma' wiċċu u tah daqqa ta' ħadida tal-ponn. Ix-xhud qal illi rrikorra ġewwa klinika f'Birkirkara minħabba d-daqqa li kellu taħt għajnejh il-leminija, b'dan illi sarulu wkoll xi punti li tneħħew wara ġimgħa. Ix-xhud qal illi fil-ħin tal-inċident kien hemm ukoll il-ħabib tiegħu, Kevin Tonna. Ix-xhud ippreċiża illi minkejja li Yanika Debattista kienet taħt l-effett tal-alkoħol, din ma bdiet iddejjaq lil ħadd għajr li bdiet tiċċajta ftit mal-imputat u sieħbu. Ix-xhud jgħid illi ħadd minn sħabu m'attakka lill-bouncer (l-imputat) iżda kien propju hu li attakkahom. Ix-xhud jgħid illi minbarra l-ferita li sofra f'wiċċu kellu wkoll xi swelling. Huwa qal li minkejja li l-feriti kienu bdew ifiequ, huwa xorta kellu nefħa f'għajnejh b'dan illi għamlet madwar xahar biex fieqet. Huwa qal li dan kollu kkawżalu tfixkil fil-lant lavorattiv tiegħu għaliex huwa jaħdem fit-trabijiet u għalhekk kien kostrett illi jilbes in-nuċċali. Ix-xhud qal illi dan l-inċident seħħ għall-ħabta tal-erbgħa u nofs u l-ħamsa ta' filgħodu. Qal ukoll illi huwa flimkien ma' sħabu kienu opponew xi ftit reżistenza għall-imġieba tal-imputat iżda jipreċiża illi huma ma kkawżalu l-ebda ġrieħi. Ix-xhud għalaq billi qal li kien hemm tnejn iżommuh u wieħed itih f'rasu. Mistoqsi mill-Qorti min kien qed itih f'rasu, ix-xhud indika lill-imputat.

Xehed ukoll Kevin Tonna li qal li huwa ħabib ta' Ramon Bezzina. Qal li dakinhar tal-inċident huwa flimkien ma' sħabu Ramon Bezzina u Yanica Debattista kienu ġo bar f'Paceville. Huwa stqarr illi Yanica Debattista kienet xi ftit xurbana u għalhekk poġġiet fuq sufan fejn hekk kif mar l-imputat sabiex ikeċċiha 'l barra, hija waqgħet mal-art. Fl-istess ħin Ramon Bezzina qal lill-imputat sabiex jagħtiha ftit ċans għaliex ma kinitx f'qagħda li tiċċaqlaq malajr. Qal li dak il-ħin ġew żewġ bouncers oħra apparti l-imputat fejn "dan Clifford Bugeja tah xi daqqa." Din id-daqqa ngħatat fuq wiċċ Ramon Bezzina. Ix-xhud ippreċiża illi huwa assista di persona għal dan l-inċident. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien reġa' mar 'l fuq fl-istabbiliment sabiex javża lil sħabu l-oħra li kien sejjer u kif reġa' niżel isfel sab lil Ramon Bezzina b'wiċċu mimli demm.

Illi xehed l-Ispettur Luke Bonello fejn qal illi s-Surġent 1128 Glenn Sammut kien għadda rapport li għamel Ramon Bezzina dwar ġrieħi ta' natura gravi

fuq persuntu. Ix-xhud qal illi n-natura tal-ġrieħi kienet ġiet ċċertifikata bħala waħda 'gravi' a bażi tar-rapport mediku maħruġ minn Dr. Owen Mifsud. Ix-xhud għaraf il-firma tiegħu fuq l-istqarrija tal-imputat.

Illi xehdet Yanika Debattista fejn irrikonoxxiet l-imputat fl-awla. Qalet illi ftit qabel il-ħin tal-inċident, hija ħassitha ma tiflaħx u għalhekk kellha tpoġġi fuq sufan. Qalet li l-bouncer (l-imputat) qalilha biex tqum u fl-istess ħin qabadha minn spallitha u mbuttaha mal-art. Kompliet tgħid illi Ramon Bezzina qal lill-imputat li ma kellux għalfejn jagħmlilha hekk u minn hemm qamet konfużjoni sħiħa bir-riżultat li Clifford Bugeja ta lil Ramon Bezzina daqqa ġo wiċċu fejn Ramon spiċċa bi black eye. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud qalet li dan sar quddiemha. Hija qalet li wara dan kollu marret 'l barra ma' Ramon iżda ma marritx miegħu l-klinika. Ix-xhud ftakret li dan l-episodju ġara fi żmien il-Milied però ma setgħetx tiftakar id-data u s-sena.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) id-difiża ddikjarat li m'għandhiex iżjed provi xi tressaq.

Illi fl-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) Clifford Bugeja ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda tal-parte civile, dik ta' Yanika Debattista u anki dik ta' Kevin Tonna, joħroġ b'mod inekwivoku li l-imputat effetivament ta lill-parte civile daqqa ta' ponn fuq wiċċu. Fil-fatt ix-xhieda tal-parte civile hija kkorroborata bix-xhieda tal-ħbieb tiegħu Yanika Debattista u Kevin Tonna li kienu proprju xhieda okulari tal-akkadut stante li kienu preżenti waqt li nqalgħet il-ġlieda.

Illi dan il-fatt ġie anki kkonfermat mill-imputat innifsu waqt l-istqarrija tiegħu li ngħatat bis-solitu twissija u kawteli. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal ċar u tond li huwa tah daqqa waħda b'idejh iżda ma kienx jaf fejn laqtu. Minkejja dan ix-xhieda okulari kienu ċari fid-deposizzjoni tagħhom fejn it-tnejn li huma qalu li raw lill-imputat jagħti daqqa fuq wiċċ Ramon Bezzina.

Illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li Ramon Bezzina għamel għalih fejn tah xi daqqiet f'wiċċu u anki fil-kustilji. Minkejja dan ma jirriżulta minn imkien mill-atti proċesswali li din id-daqqa ngħatat in leġittima difesa. Apparti minn hekk ix-xhieda okulari fl-ebda ħin ma jsemmu li Ramon Bezzina attakka lill-imputat. Ramon Bezzina stess jafferma illi huwa m'għamel xejn lill-imputat.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat ma pproduċa l-ebda prova in difiża u għażel li ma jirribattix il-verżjoni tal-parte civile u lanqas dik tax-xhieda okulari. Tinnota wkoll li l-imputat għażel li ma jtellax il-kollegi tiegħu, iż-żewġ bouncers l-oħra li jissemmew, sabiex jagħtu l-verżjoni tagħhom.

Illi għalhekk il-verżjoni tal-parte civile fl-ebda ħin ma ġiet kontradetta.

Illi għalhekk ukoll il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi dwar in-natura tal-ġrieħi sofferti mill-parte civile, il-Qorti tinnota li qatt ma kien hemm ksur. Għalkemm fuq iċ-ċertifikat mediku t-tabib indika dan, id-dokument esebit a folio 23 tal-atti proċesswali jindika mod ieħor. Minkejja dan jirriżulta li d-daqqa ngħatat fuq il-wiċċ fejn il-parte civile kellu bżonn żewġ punti.

Illi l-Qorti tinnota li fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015, u ċioe` kważi sentejn mid-data inkriminata, it-tabib Dr. Owen Mifsud qal li l-ferita tal-parte civile għadha tidher però meta mistoqsi mill-Qorti jekk tidhirx from talking distance huwa qal li ma tantx tidher u li wieħed irid jidħol jara b'ċerta attenzjoni. Għalhekk għalkemm ma ġietx ippruvata l-permanenza tal-ferita oltre kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni xorta waħda rnexxielha tipprova li d-daqqa li tal-imputat lill-parte civile ġab sfreġju fuq wiċċ Ramon Bezzina liema sfreġju jikkonsisti f' offiża ta' natura gravi.

Illi ai finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat illi l-imputat huwa a first-time offender.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat l-Artikoli 216(1)(b) u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Clifford Bugeja ħati tal-akkuża kif dedotta kontrih u kkundannatu għall-piena ta' sena (1) priġunerija sospiża għal sentejn (2). Finalment il-Qorti tat lill-imputat Clifford Bugeja l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi minn din is-sentenza Clifford BUGEJA interpona appell permezz ta' rikors datat 9 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

(1) Tirrevoka u tħassar l-istess sentenza u konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni u ħtija, jew (2) sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, tirriforma s-sentenza appellata billi in rigward tal-piena inflitta tissostitwixxi piena oħra li tkun tirrifletti ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

(i) Illi fl-assjem tal-provi prodotti ftit jista' jkun hemm dubju li l-kundizzjoni li fiha kienet tinsab it-tfajla Yanika Debattista, meta kienu saru l-ħamsa ta' filgħodu, ħolqot konfużjoni sħiħa fl-istabbiliment. **Ma kienx l-esponent li ħoloq il-konfużjoni**, iżda min beda **joġġezzjona** li jiġi kkontrollat biex jaġixxi bħan-nies f'post pubbliku.

(ii) Jiġi sottomess bir-rispett illi oltre kull apprezzament ta' x'seta' ġara fil-ħin tal-inċident, il-kwistjoni fundamentali li riedet tiġi indirizzata f'din il-kawża hi jekk effettivament skont il-liġi ġewx ikkaġunati ġrieħi **ta' natura gravi**, kif ikkontemplat fl-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, fi kliem ieħor 'mankament jew sfreġju fil-wiċċ'.

L-elementi ta' prova li jimmilitaw kontra l-eżistenza f'dan il-każ ta' 'mankament jew sfreġju fil-wiċċ' huma dawn:

(a) Ramon Bezzina, **parte civile**, kien ġie eżaminat mit-tabib Owen Mifsud, li rrilaxxja ċertifikat (a fol 8 in atti). Tali ċertifikat jindika li t-tabib kien tal-fehma li seħħ "ksur fl-imnieħer", iżda mill-x-ray li ttieħdet f'Mater Dei irriżulta li ma kien hemm l-ebda ksur.

(b) In rigward tal-punti, żewġ punti, li kien jinħtieġ il-**parte civile** fil-wiċċ, it-tabib Mifsud xehed (a fol 16 et seq in atti) illi kien ra lil Ramon Bezzina **darba waħda biss**, u fil-verità ma ġie prodott l-ebda tabib ieħor li seta' ra lill-**parte civile** sussegwentement, jekk kien il-każ.

Dak li ġie kkonfermat mit-tabib Mifsud, wara mistoqsija tal-Qorti jekk "**f'distanza li wieħed jitkellem** il-ferita tidher jew ma tidhirx", kien illi "ma tantx tidher, trid tidħol", u "trid taraha b'ċerta attenzjoni" (a fol 19 in atti).

(c) Fis-sentenza appellata jingħad illi t-tabib Mifsud qal ukoll illi r-raġuni li l-ġrieħi kienu ta' natura gravi hija għaliex Ramon Bezzina kellu bżonn il-punti fuq in-naħa tal-lemin tal-wiċċ" (paġna 4 tas-sentenza).

Infatti però l-istess xhud stqarr (a fol 22) illi kienet l-idea li kellu ta' **ksur fl-imnieħer** illi nfluwenzatu biex jikkonkludi, kif iċċertifika, illi l-ferita kienet waħda 'gravi'.

> Jiġi sottomess bir-rispett illi f'kull każ, ferita ta' żewġ punti **<u>li ma baqgħetx tidher "within talking distance"</u>** ma setgħetx tiġi ekwiparata kif ġiet ma' 'mankament jew sfreġju fil-wiċċ'.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi nhar id-29 ta' Diċembru 2013 għall-ħabta tal-11:40 ta' filgħodu l-Għassa ta' Birkirkara kienu rċevew rapport mingħand Ramon Bezzina fejn spjega illi dakinhar stess għall-ħabta tal-5:00 ta' filgħodu filwaqt li kien qiegħed fl-istabiliment ***Havana*** ma sħabu, wieħed mill-*bouncers* ta' dan l-istabilliment kien taħ xi daqqiet fuq rasu kif ukoll daqqa taħt għajnejħ. Dan seħħ wara li dan l-istess *bouncer* ried illi ħabiba ta' Bezzina, ċerta Yanika Debattista, li kienet fl-istess stabbiliment, titlaq mill-post peress illi ma kinitx f'sikkitha. Skond Bezzina dan il-*bouncer* qabad u mbuttha biex toħroġ bil-konsegwenza li din waqgħet mal-art. F'dak il-waqt Bezzina intervjena fejn indirizza lil dan il-*bouncer* billi qallu li ma kellux għalfejn jagħmel hekk lil Yanika.

5. Skond Bezzina, dan il-*bouncer*, li wara rriżulta li kien l-appellant, kien kelmu lura bl-herra. Intervjenew xi żewġ *bouncers* oħra sabiex jittratjenu lil Bezzina, f'liema waqt hu kien laqqat xi daqqiet. Bezzina jgħid li kif ħareġ barra wara din il-konfrontazzjoni, kien sab lill-appellant barra fejn dan ta' l-aħħar taħ daqqa oħra f'wiċċu. Bezzina irrikorra l-poliklinika fejn hu kellu jagħmel żewġ punti

f'wiċċu taħt għajnejħ kif ukoll X-ray ta' imnieħru fuq suspett li seta kien miksur. Sussegwentement il-Pulizija bagħtu għal Bugeja fejn kelmuħ dwar l-inċident. L-appellant minn naħa tiegħu ikkonferma li hu kien involut f'dan l-inċident u li kien filfatt ta daqqa lil Bezzina fil-kors tal-kommozzjoni li nqalgħet.

6. L-appellant jgħid illi hu kien ipprova joħroġ lil Yanika Debattista l-barra bis-sewwa peress illi kienet fis-sakra. Madankollu hi ħebbet għaliħ bħalma għamlu wkoll sħabha. Kien għal din ir-raġuni illi nqala' dan id-disgwid, fil-kors ta' liema l-appellant kien ta daqqa lil Bezzina b'idu allavolja ma jafx fejn laqtu.

***Ikkunsidrat:***

7. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond***

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

8. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li

---

***Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

9. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

10. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

11. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

12. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika***

13. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

14. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

---

***ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

15. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

16. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

17. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

18. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

19. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

20. Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Dawn ix-xiehda jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom

jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

21.Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

22.Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

---

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

23.Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

24.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

25.Illi din it-tifsira mhix aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu

---

[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

26. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

27. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat:***

28. Illi l-appellant jilmenta prinċipalment dwar is-sejbien ta' ħtija tiegħu u dan peress illi skond hu, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda tat-Tabib Owen Mifsud, kien jidher ċar illi Bezzina ma subixxa l-ebda offiża ta' natura gravi skond id-dettami tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali. Mhux kontestat li hu ta daqqa lill-Bezzina – dan huwa konfermat mill-provi tal-Prosekuzzjoni li ma ġewx kontradetti - kif ukoll mill-istqarrija tal-appellant stess fejn hu ma ċaħadx illi ta daqqa lil Bezzina allavolja ma kienx ċert dwar fejn taħ din id-daqqa.

29. In oltre ma jidhirx lanqas illi l-appellant qiegħed iqajjem xi dubbju dwar il-volontarjeta' o meno ta' dan ir-reat iżda jgħid illi ma tressqux provi li jikkonfermaw li hu filfatt ikkaġuna ferita gravi skond il-liġi.

30. Illi fl-ewwel lok jingħad illi ma ġiex speċifikat taħt liema artikolu tal-Kodiċi Kriminali l-Prosekuzzjoni kienet qegħda tipotizza l-offiża ta' natura gravi u ċjoe jekk hux taħt l-artikolu 216 jew l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk :

> 216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin –
>
> (a) jekk tista' ġġib periklu -

(i) tal-ħajja; jew
(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew
(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella
(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;

(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;

(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;

(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;

(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.

(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f' periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.

31. Illi skond iċ-ċertifikat mediku eżebit fl-atti u maħruġ mit-Tabib Owen Mifsud, il-parte civile kien qed ibgħati minn ferita gravi u dan minħabba l-fatt illi kien jinħtieġ żewġ punti fuq in-naħa leminija ta' wiċċu kif ukoll minħabba nefħa fuq l-imnieħer fejn l-istess tabib kien ordna li jittieħed *X-ray* biex jara jekk hemmx xi ksur fiħ. Issa meta t-tabib xehed, filwaqt li kkonferma il-kontenut taċ-ċertifikat tiegħu hu spjega wkoll illi meta sar l-*X-ray* ta' imnieħer Bezzina kien irriżulta illi ma kien hemm l-ebda ksur fiħ.

32. In oltre fl-10 ta' Marzu 2015 meta l-istess tabib intalab seduta stante mill-Qorti tal-Maġistrati biex jeżamina lil Bezzina sabiex jiġi stabilit jekk kienux għadhom jidhru l-punti li kien għamel f'wiċċ Bezzina,

sena u tlett xhur wara l-allegat fatt dan it-tabib saħaq illi l-ferita kienet għadha vizibbli allavolja biex tinduna biha trid tkun viċin tal-parte ċivile u *'trid tarha b'ċerta attenzjoni'*. Hu qal illi ma tantx kienet tidher minn distanza li tkellem bniedem. Huwa ikkonferma li l-ġerha li rrefera għaliha kienet l-istess li hu kien ikkura bil-punti. In kontro-eżami qal illi l-ħsieb li kellu dwar il-ksur f'imnieħer Bezzina influwenzatu sabiex jindika n-natura tal-ġrieħi bħala gravi.

***Ikkunsidrat : -***

33. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emily Zarb*** il-Qorti Kriminali eżerċenti rwol ta' qorti tal-appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati ġie ritenut illi:-

> F'materja ta' offizi fuq il-persuna, hemm sfregju anki jekk ic-cikatrici tkun sfregjanti, cjoe' tkun taghti fil-ghajn minn distanza normali. Jekk l-isfregju jkunx semplici jew gravi u permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfregju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm dik ic-cikatrici".[10]

34. Illi fil-każ ***Il-Pulizija vs Fortunata Sultana,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi tgħid dwar sfreġju li jkun seħħ fil-wiċċ:

> Skond l-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfegju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, tahti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali.[11]

---

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri u ppresduta mill-Imħallef William Harding nhar il-15 ta' Frar 1958.

[11] Deċiża mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar il-5 ta' Frar 1998.

35. In oltre b'referenza fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi*** mogħtija fit-30 ta' Lulju 2004 intqal is-segwenti:

> Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.[12]

36. Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Dingli*** deċiż fit-12 ta' Settembru 1996, intqal:

> L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b)…. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju.

37. Imbaghad fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Paul Spagnol*** deciz fit-12 ta' Settembru 1996, gie spjegat:

> Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li

---

[12] Deċiża mill-Imħallef Vincent Degaetano.

soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim., 15/2/58, Kollez.Deciz. XLII.iv.1245, 1248).[13]

38. Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ntqal fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich*** deċiż fit-2 ta' Settembru 1999:

> Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazjonijiet oħra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali.

39. Kwindi kemm b'referenza għad-diċitura tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-analiżi tal-ġurisprudenza kopjuża u stabbilita, jirriżulta li l-ferita riskontrata taħt għajnejn il-parte civile f'dan il-każ setgħet legalment u raġonevolment tiġi klassifikata taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Dan is-subartikolu jitkellem fuq sfreġju effettiv illi jista jkun temporaneju u eventwalment ifiq għal kollox ukoll. Skond it-tabib, sa sena u tlett xhur wara l-ġerha li l-vittma kellu f'wiċċu taħt għajnejħ il-leminija kienet għadha tidher, allavolja ftit. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġġonevolment ssib ħtija fil-konfront tal-appellant għal dak li jirrigwarda l-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

---
[13] Deċiża mill-Imħallef Vincent Degaetano.

***Ikkunsidrat:***

40. Illi b'mod sussidjarju l-appellant qiegħed jitlob li l-piena imposta fuqu tiġi ridotta. F'appell magħmul mill-piena, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx legalment żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the

appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

41. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubbliika ta' Malta vs Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun

tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

41.Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

42.Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni

imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

43. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant ġie kundannat għal sentenza ta' sena priġunerija li ġiet sospiża ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali għal perijodu ta' sentejn. Il-ġurisprudenza tgħallem li **bħala regola**, każijiet t'offiżi fuq il-persuna għandhom ikunu puniti b'piena karċerarji effettivi,[14] u tqis ukoll li anke f'dan il-każ, il-piena idoneja kellha, kellha tkun dik ta' priġunerija. Fil-prinċipju għalhekk il-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati kienet dik indikata għall-każ u ma kienetx piena żbaljata fil-prinċipju. Dak li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet kien li ssospendiet l-effett tal-piena karċerarja – iżda kwalitattivament kienet korretta u kwantitattivament fil-parametri tal-Liġi. Il-Qorti tal-Maġistrati eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha li tissospendi l-effetti tal-piena karċerarja – ħaġa li ma kienetx vjetata li tagħmel mill-ġurisprudenza, li tesprimi preferenza għal piena karċerarja effettiva f'każijiet ta' din in-natura. Fi kwalunkwe każ dan mhux appell mill-Avukat Ġenerali fejn il-piena setgħet tiġi awmentata.

[14] Ara ***Il-Pulizija vs Mariano Camilleri*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-8 ta' Frar 2002, kif ukoll ***Il-Pulizija vs Youssef Mbarrek*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-4 ta' Ġunju 2010.

44. Mill-banda l-oħra l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni li fil-fehma ta' din il-Qorti għandha twassal sabiex hu jkollu riduzzjoni fil-piena.

# *Decide*

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***